

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEAASSEMBLEA PARLAMENTARI KONĠUNTA TAL-FTEHIMA TA' SĦUBIJA KONKLUŻA BEJN IL-MEMBRI
TAL-ISTATI AFRIKANI, TAL-KARIBEW U TAL-PAĊIFIKU, MINN NAĦA WAĦDA, U L-KOMUNITÀ
EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA MIN-NAĦA L-OĦRA

MINUTI TAS-SEDUTA TAT-TNEJN, 29 TA' MARZU 2010

(2010/C 193/01)

(Is-seduta nfetħet fil-11.10 a.m.)

Seduta inawgurali formali

Indirizzaw l-Assemblea dawn li ġejjin:

Is-Sur Paulino Rivero, President tal-Gvern Reġjonali tal-Gżejjer Kanarji, is-Sur Charles Milupi, Ko-President tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, is-Sur Louis Michel, Ko-President tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, is-Sur Miguel Angel Moratinos, Ministru tal-Affarijiet Barranin ta' Spanja.

(Is-seduta ġiet aġġornata fis-1.00 p.m. u kompliet fit-3.25 p.m.)

IPPRESIEDA: Is-Sur MICHEL

Ko-President

Seduta tal-Assemblea Parlamentari Konġunta

Il-Ko-President laqa' lill-parteciċpanti kollha.

1. Kompożizzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta

Il-Ko-President ħabbar li l-lista ta' Membri tal-Assemblea Parlamentari Konġunta, kif preżentata mill-awtoritajiet tal-Istati tal-AKP u l-President tal-Parlament Ewropew, se tiġi annessa mal-minuti.

2. Akkreditar tar-rappreżentanti mhux parlamentari

Il-Ko-President ħabbar li l-awtoritajiet tal-Istati tal-AKP kienu bagħtu lista ta' rappreżentanti mhux parlamentari. Bi qbil mal-Artikolu 17(1) tal-Ftehim ta' Sħubija u mal-Artikolu 1 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Parlamentari Konġunta,

huwa ppropona li dawn ir-rappreżentanti jiġu reġistrati u ismi-jiethom jitniżżlu f'anness għall-minuti.

L-Assemblea Parlamentari Konġunta qablet ma' dan.

L-Assemblea Parlamentari Konġunta ddeċidiet li r-rappreżentanti mill-Madagaskar (Norbert-Richards) u min-Niġer (Goukoye) preżenti f'dik is-sessjoni għandu jkollhom stejtu ta' osservatur, bid-dritt li jtkellmu meta s-suġġett jikkonċerna lil pajjiżhom u mingħajr id-dritt għall-vot.

3. Adozzjoni tal-abbozz ta' aġenda (AP/100.638)

L-abbozz ta' aġenda ġie adottat kif jidher f'dawn il-minuti.

4. Approvazzjoni tal-minuti tat-18-il sessjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE (ĠU C 68, 18.3.2010)

Il-minuti ġew approvati.

5. Avviżi tal-Ko-Presidenti, inklużi d-deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħa tal-Bureau tat-28 ta' Marzu 2010

Il-Ko-President irrapporta dwar ir-riżultati tal-laqgħa tal-Bureau tat-28 ta' Marzu 2010.

Il-Ko-President ippropona li s-sessjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta tista' ssir mit-2 sas-6 ta' Diċembru 2010 biex tevita li tkun f'kunflitt mas-Samit ta' bejn l-UE u l-Afrika fid-29 u t-30 ta' Novembru 2010. L-Assemblea approvat il-prinċipju ta' din il-bidla, li se jkun ikkonfermat uffiċjalment il-Ħamis ta' wara, fl-1 ta' April.

Il-Ko-President ħabbar li d-dati ta' skadenza għall-emendi u għall-mistoqsijiet dwar il-metodi ta' votazzjoni kienu hekk:

— rigward emendi għal mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet inklużi fir-rapporti ppreżentati mill-kumitati permanenti: it-Tnejn 29 ta' Marzu fis-6 p.m.

— rigward emendi għal mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet ta' kompromess u għal mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet urġenti oħra li se ssir votazzjoni dwarhom: it-Tlieta 30 ta' Marzu fit-3 p.m.

— rigward mistoqsijiet dwar metodi ta' votazzjoni: l-Erbgħa 31 ta' Marzu fis-6 p.m. bil-miktub.

Kelliema: Leinen, Assarid Imbarcaouane (Mali), Martínez Martínez, Czarnecki, Kaawa (Repubblika Demokratika tal-Kongo) u William (Seychelles).

6. **Stqarrija mis-Sur Andris Piebalgs, Membru tal-Kummissjoni b'responsabilità għall-iżvilupp**

Il-Ko-President laqa' lill-Kummissarju u rringrazzjah għall-impenn tiegħu lejn l-Assemblea Parlamentari Konġunta.

Il-Kummissarju Piebalgs għamel l-istqarrija tiegħu.

7. **Ħin għall-Mistoqsijiet lill-Kummissjoni**

Il-Ko-President introduċa s-suġġett.

B'kollox saru 36 mistoqsija lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni kienet wiegħbet preċedentement għall-mistoqsijiet bil-miktub u l-Kummissarju Piebalgs wiegħeb orali għall-mistoqsijiet supplementari mressqa minn dawn li ġejjin:

Mistoqsija Nru 1 mis-Sur Goebbels dwar l-effiċjenza tal-ġhaj-nuna għall-Haiti.

Mistoqsija Nru 3 mis-Sra Castex dwar appoġġ għas-saħħa fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-10 EDF.

Mistoqsija Nru 11 mis-Sra Striffler (sostitwita mis-Sur Ponga) dwar il-kopertura universali tal-Malarja 2010 u l-MDGs tas-saħħa.

Mistoqsija Nru 12 mis-Sur Neuser dwar in-nuqqas ta' persunal tas-saħħa f'pajjiżi tal-AKP.

Mistoqsija Nru 13 mis-Sur Leinen dwar mediċini ffalsifikati f'pajjiżi tal-AKP.

Mistoqsija Nru 17 mis-Sur Cashman (sostitwit mis-Sra Gurmai) dwar diskriminazzjoni kontra minoritajiet sesswali.

Mistoqsija Nru 18 mis-Sra Bearder (sostitwita mis-Sur Aylward) dwar MDGs għal persuni b'diżabilità.

Mistoqsija Nru 22 mis-Sra Zimmer dwar il-faċilità tal-ilma tal-AKP u l-UE.

Mistoqsija Nru 5 mis-Sra Jääteenmäki (sostitwita mis-Sur Manders) dwar finanzjament mill-EDF għal żvilupp agrikolu u rurali f'pajjiżi tal-AKP.

Mistoqsija Nru 29 mis-Sur Christensen dwar il-PAK u t-għawwiġ tan-negozju.

Mistoqsija Nru 30 mis-Sur Guerrero Salom dwar l-impenji tal-Kummissjoni fis-settur tal-biedja fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Mistoqsija Nru 23 mis-Sur William (Seychelles) dwar imma-nġġjar sostenibbli tas-sajd mill-RFMOs.

Mistoqsija Nru 6 mis-Sur Tirolien dwar Dokument ta' Strateġija Reġjonali u Programm Indikattiv Reġjonali 2008-2013 (l-10 EDF).

Mistoqsija Nru 25 mis-Sur Mato Adrover (sostitwit mis-Sra Estaras Farragut) dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2009 intitolata "Konnessjoni bejn l-Afrika u l-Ewropa: Lejn tisħiħ tal-koperazzjoni fil-qasam tat-trasport".

Mistoqsija Nru 32 mis-Sra Carvalho dwar sħubija strateġika bejn ir-reġjuni tal-Atlantiku li jinsabu l bogħod miċ-ċentru tal-UE u l-pajjiżi ġirien tal-AKP.

Mistoqsija Nru 33 mis-Sur Ponga dwar koperazzjoni reġjonali – intejbu l-mezzi li bihom il-pajjiżi tal-AKP u l-"bażijiet militari" tal-UE jaħdmu flimkien.

Mistoqsija Nru 14 mis-Sur Martin dwar Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali Marbuta mal-Kummerċ (TRIPs) fi ftehimiet bilaterali tan-negozju.

Mistoqsija Nru 15 mis-Sra Sargentini dwar il-migrazzjoni.

Mistoqsija Nru 19 mis-Sra Gurmai dwar il-libertà tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Mistoqsija Nru 24 mis-Sra Kamar (il-Kenja) dwar koperazzjoni fit-terroriżmu internazzjonali.

Mistoqsija Nru 4 mis-Sra Hall dwar il-baġitizzazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Mistoqsija Nru 7 mis-Sur Assarid Imbarcaouane (Mali) dwar l-Istrument ta' Vulnerabilità FLEX.

Mistoqsija Nru 26 mis-Sur Manders dwar missjonijiet ta' osservazzjonijiet elettorali bħala strument permanenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta.

Mistoqsija Nru 34 mis-Sur Arif dwar politika ta' koerenza għall-iżvilupp.

Mistoqsija Nru 2 mis-Sur Kaczmarek dwar forzi ta' reazzjoni rapida mill-UE għad-diżastri naturali.

Mistoqsija Nru 9 mis-Sur Gahler dwar attentati ta' esproprijazzjoni illegali minn investituri Ewropej f'Bamako, Mali.

Mistoqsija Nru 10 mis-Sur Toga (l-Etjopja) dwar is-Somalja.

Mistoqsija Nru 16 mis-Sra Gomes dwar id-drittijiet tal-bniedem f'Cabinda.

Mistoqsija Nru 20 mis-Sur Schmidt dwar Dawit Isaak.

Mistoqsija Nru 21 mis-Sur Bundu (Sjerra Leone) dwar l-implikazzjonijiet il-qagħda fraġli ta' Sjerra Leone.

Mistoqsija Nru 27 mis-Sur Schnellhardt dwar l-elezzjonijiet fir-Repubblika tal-Ginea f'Ġunju 2010.

Mistoqsija Nru 36 mis-Sra Rivasi dwar is-segwitu tar-riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Madagaskar.

8. **Azzjoni meħuda mill-Kummissjoni dwar ir-riżoluzzjonijiet adottati waqt it-18-il sessjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, li saret f'Luwanda (Angola)**

Il-Kummissarju Piebalgs irrefera għad-dokument li tqassam bid-dettalji tas-segwitu tal-Kummissjoni għar-riżoluzzjonijiet adottati f'Luwanda (Angola).

IPPRESIEDA: Is-Sur MILUPI

Ko-President

9. **Dibattitu mal-Kummissjoni - proċedura "catch-the-eye"**

Kelliema: Schmidt, Hoarau, William (is-Seychelles), Manirakiza (il-Burundi), Deerpalsing (il-Mawrizju), Carvalho, Gomes,

Durant, Tirolien, Naib (l-Eritrea), Sylla (Mali), Martínez Martínez, Manders u Sall (is-Senegal).

Il-Kummissarju wieġeb għall-punti li tqajmu minn kull Membru.

10. **Dokumenti ta' Strateġija Reġjonali**

Il-Ko-President ħabbar li l-Assemblea Parlamentari Konġunta se tadotta abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp Ekonomiku, il-Finanzi u n-Negozju nhar il-Ħamis.

Il-Ko-Presidenti tal-Kumitat għamlu preżentazzjoni dwar id-Dokumenti ta' Strateġija Reġjonali, segwiti mill-korapporteurs tas-sitt Dokumenti ta' Strateġija kif ġej:

— Karibew: Is-Sur Jean-Marie (St Lucia) u s-Sur Martin.

— L-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar u l-Oċean Indjan: is-Sur William (Seychelles) u s-Sur Hoarau.

— Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika: is-Sur Mwansa (iż-Żambja) u s-Sur Mayer (sostitwit mis-Sur Gahler).

— L-Afrika Ċentrali: is-Sur Kaawa (Repubblika Demokratika tal-Kongo) u s-Sur Arif.

— L-Afrika tal-Punent: is-Sur Tambuwal (in-Niġerja) u s-Sur Goerens (assenti).

— Paċifku: is-Sur Vaipulu (Tonga) u s-Sur Engel.

Kelliema: Carvalho, Czarnecki, Hamatoukour (il-Kamerun), Hall, Nedelcheva, Guerrero Salom u Hoarau.

Il-Kummissarju wieġeb għall-kummenti u l-mistoqsijiet kollha tal-Membri.

11. **Dokumenti ta' Strateġija Nazzjonali**

Kelliema: Mporogomyi (it-Tanzanija) u Mugambe (l-Uganda).

Il-Kummissarju wieġeb għall-punti li tqajmu minn kull wieħed mill-Membri.

(Is-seduta nġhalqet fis-7.20 p.m.)

Charles MILUPI u
Louis MICHEL
Ko-Presidenti

Mohamed Ibn CHAMBAS u
Luis Marco AGUIRIANO NALDA
Ko-Segretarji-Ġenerali